Dan il-ktieb huwa ta' :

(niżżel ismek)

EU UNIVERSE AWARENESS

# L-Univers fil-but – Ktieb ta' attivitajiet



**L-UNIVERS** huwa dak kollu li jeżisti: pjaneti, kwiekeb, galassji u kull ħaġa oħra fl-ispazju

**GALASSJA** hija ġabra enormi ta' stilel, kif ukoll gass, trab u affarijiet oħra. Il-galassja li ngħixu fiha aħna jisimha t-Triq ta' Sant'Anna.

**STILLA**, jew kewkba, hija ballun kbir ta' gass jaħraq ħafna u li jarmi d-dawl, miżmum kollu flimkien permezz tal-gravità. L-eqreb stilla lejna hija x-Xemx.

**PJANETA**, bħad-Dinja tagħna jew Ġove, hi oġġett kbir li jdur madwar stilla. Il-pjaneti ma jarmux dawl minnhom.



Fost l-affarijiet li tista' ssib fl-Univers:



# TAGĦRIF biex TIEĦU GOST b'dan il-KTIEB:

1. Kun kreattiv kemm tiflaħ.
2. Ebda limitu għall-fantasija!
3. Ikteb u pinġi kulma trid!



**TLAQNA!**

**OĦROĠ BARRA.** X'qed tara? Pinġi stampa ta' dak li qed tara.

Illejla ħares 'il barra mit-tieqa u fittex il-Qamar. Tista' ssibu?

☐ **IVA!** ☐ **LE...**

Jekk mhux qed tarah, għalfejn?

Jekk ma tistax tarah, ipprova darb'oħra sa ma tarah imbagħad pinġih.

Ons zonnestelsel op schaal:

Pinġi s-Sistema Solari tagħna!



L-astronomi sabu mijiet ta' **PJANETI** li mhumiex parti mis-Sistema Solari tagħna. Dawn il-pjaneti jduru madwar stilel oħra fil-galassja tagħna.

Immaġina xi **PJANETI ĠODDA** madwar xi kewkba 'l bogħod. X'kulur hi l-kewkba? Kemm hemm pjaneti jduru magħha? Pinġihom!



Ikteb poeżija dwar il-pjaneta favorita tiegħek.



Isem:

Ejja ngħidu li sibt pjaneta fantastika ġdida. Pinġiha! X'ser issemmiha? Hemm xi annimali jew pjanti li jgħixu fuqha?

Tpinġija magħmula minn xjenzat ta' pjaneta li għadhom kif sabu bl-isem: ____________________

____________________ (ikteb l-isem tal-pjaneta l-ġdida)

PINĠI KOMIK LI JURI L-VJAĠĠ TIEGĦEK LEJN IL-PJANETA MARTE!







**KOSTELLAZZJONI** hija stampa fis-sema, ta' affarijiet bħal annimali jew nies, iffurmata billi tgħaqqad l-istilel flimkien b'linji immaġinarji.

Hawn xi kostellazzjonijiet. Tirnexxilek issibhom fis-sema billejl?



Din hi tpinġija ta' xi stilel fis-sema.

Għaqqad l-istilel biex toħloq il-**KOSTELLAZZJONIJIET**. X'kont issemmihom?



**L-UNIVERS FIL-BUT** huwa produzzjoni ta'



EU UNIVERSE AWARENESS

Trid tkun taf iktar? Idħol fis-sit tagħna:

www.eu-unawe.org

Ibbażat fuq 'The 826 Pocket Activity Book':

www.826national.org

Tpinġijiet ta' Irene Cecile:

www.irenececile.com

Maqlub għall-Malti minn Karen Vella Pace
(l-Għaqda Maltija tal-Astronomija)



SEVENTH FRAMEWORK PROGRAMME